MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 57/2023 LM

**Arjun Acharya (detentur tal-passaport Nepaliż numru 11095231)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Arjun Acharya (detentur tal-Passaport Nepaliż Numru 11095231)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il- Bord'], fl-4 ta' Mejju, 2023, fejn il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent,

u b'hekk ikkonferma d-deċiżjoni tal-intimat **Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** [hawnhekk 'l-appellat'] tas-26 t'Awwissu, 2022.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent kien ippreżenta applikazzjoni *still abroad* bil-ħsieb li jingħata permess ta' residenza mill-Aġenzija Identity Malta sabiex ikun jista' jaħdem mal-kumpannija Maltija WT Global Limited. Wara li l-Aġenzija Identity Malta għamlet eżerċizzju ta' diliġenza dovuta, inħarġet *approval in principle letter* lir-rikorrent, u abbażi tagħha nħarġiltu wkoll *visa* sabiex ikun jista' jivvjaġġa lejn Malta. Fil-fatt ir-rikorrent wasal Malta fit-28 ta' Lulju, 2022. Ir-rikorrent spjega li huwa għamel appuntament mal-Aġenzija Identity Malta rigward il-permess ta' residenza mitlub minnu, liema permess ta' residenza nħareġ u kien validu għall-perijodu bejn is-16 t'Awwissu, 2022 sas-16 t'Awwissu, 2023. Ir-rikorrent spjega li huwa kien ser jaħdem bħala *courier driver,* u min kien ser jimpjegah kellu bżonn ftit taż-żmien wara l-ħruġ tal-permess relattiv sabiex jattiva l-*app* li permezz tagħha n-nies jordnaw l-ikel, u biex jipprovdilu mutur u *safety gear.* Qal li huwa ddeċieda li juża dan iż-żmien sabiex imur vakanza ġewwa l-Portugall fejn kien biħsiebu jżur ħabib tal-qalb li kien ilu bosta snin ma jara. Qal li din il-vakanza kienet skedata għas-26 t'Awwissu, 2022. Qal li ladarba kien ħareġ permess ta' residenza validu, huwa ħaseb li ma kienx ser ikollu problema biex imur għal din il-vakanza, u dan ladarba l-pożizzjoni tiegħu kienet ġiet regolarizzata mill-awtoritajiet Maltin. Ir-rikorrent qal li waqt li kien ser jaqbad il-vjaġġ lejn il-Portugall fis-26 t'Awwissu, 2022, huwa twaqqaf mill-Pulizija fl-ajruport, u minkejja li ppreżenta l-permess ta' residenza validu flimkien mal-biljett tal-ajru mixtri jumejn qabel it-titjira, huwa ġie ffaċċjat b'ordni ta' ritorn u b'ordni ta'

tkeċċija, kif ukoll *entry ban* li tipprekludih milli jidħol fil-pajjiż għal tliet snin mis-26 t'Awwissu, 2022.

3. L-intimat wieġeb li fis-26 t'Awwissu, 2022, il-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu verifiki dwar it-titjira FR 1509, li kellha titlaq minn Malta lejn Porto, fejn ġie stabbilit li tliet persuni ta' ċittadinanza Nepaliża li kienu għadhom kif ingħataw permess ta' residenza mill-Aġenzija Identity Malta, kienu qegħdin jivvjaġġaw bl-oġġetti personali tagħhom kollha, bil-ħsieb li ma jirritornawx lura lejn Malta. Wieħed minn dawn it-tliet persuni identifikati kien ir-rikorrent. Għad-domandi li sarulhom mill-Pulizija, it-tliet persuni wieġbu li huma kienu ser jivvjaġġaw lejn il-Portugall għal btala qasira, u li kellhom biljett ta' ritorn għal Malta. L-intimat spjega li meta saret tfittxija fil-bagalji tar-rikorrent u taż-żewġ persuni l-oħra li kienu ser iħallu Malta, instabu li dawn kellhom fuqhom is-CVs, riżultati mediċi, u d-dokumenti tal-assigurazzjoni tas-saħħa, liema dokumenti normalment ma jkollux fuqu persuna li jkun sejjer għal btala. L-intimat spjega li meta ġie mistoqsi il-prinċipal tar-rikorrent, dan qal li ma kienx jaf li r-rikorrent kien ser iħalli Malta għal btala. L-intimat spjega li l-Aġenzija Identity Malta ġiet infurmata b'dan, u l-permessi ta' residenza ġew irrevokati immedjatament. Wara r-revoka ta' dawn il-permessi, it-tliet persuni in kwistjoni, fosthom ir-rikorrent, ġew ippreżentati b'deċiżjoni ta' ritorn għaliex instab li huma kienu qegħdin Malta mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, ma kellhomx mezz kif imantnu lilhom infushom, kisru d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jew ta' xi regolament magħmul bis-saħħa tiegħu, ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet, inkluż il-kundizzjonijiet mifhuma, li taħthom ingħataw permess li jinżlu l-art jew li jinżlu l-art u jibqgħu f'Malta jew il-permess ta' residenza, jew minħabba ċirkostanzi li wasslu għall-

għoti ta' permess biex jinżlu l-art jew biex jinżlu l-art u jibqgħu Malta, jew għall-estensjoni ta' dak il-permess jew għall-għoti ta' permess għal residenza, jew li dawn il-kundizzjonijiet ma baqgħux jeżistu. L-intimat spjega li d-deċiżjoni ta' ritorn kienet segwita minn ordni ta' tneħħija skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.12 għaliex il-perijodu ta' tluq volontarju għar-rikorrent kien skada. Spjega wkoll li l-Pulizija tkellmu mar-rikorrent u maż-żewġ persuni l-oħra, u dawn ilkoll qalu li ma kinux jafu lil xulxin qabel waslu Malta, li għandhom qraba jgħixu l-Portugall, u li kienu ser imorru f'dak il-pajjiż għal btala qasira fl-istess ġurnata, u b'biljett ta' ritorn għal Malta li kellu l-istess data. L-intimat żied jgħid li minkejja li t-tliet persuni qalu li ma kinux għadhom bdew l-impjieg tagħhom f'Malta wara l-wasla tagħhom hawnhekk, huma kellhom biżżejjed mezzi biex isiefru fuq btala. L-intimat żied jgħid li huwa ċar li r-rikorrent ma kellux biżżejjed mezzi biex imantni lilu nnifsu, għaliex kien għadu ma bediex jaħdem kemm kien ilu li wasal Malta, u ladarba ġie stabbilit li dan kien qiegħed iġorr fuqu d-dokumentazzjoni bl-*employment history* tiegħu, dan jindika li l-intenzjoni aħħarija tiegħu kienet li jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor għal skopijiet ta' xogħol. L-intimat qal li l-permess ta' residenza maħruġ favur ir-rikorrent u l-persuni l-oħra li kienu ser jivvjaġġaw miegħu, inħareġ sabiex dawn ikunu jistgħu jaħdmu mal-kumpanniji rispettivi li sabu impjieg magħhom, u ħadd mill-prinċipali prospettivi tagħhom ma ġie mgħarraf li dawn it-tliet persuni kienu ser jivvjaġġaw lejn il-Portugall. Qal ukoll li fit-tieni u fit-tielet kwart tal-2022, bosta persuni mill-Asja użaw il-permess ta' residenza maħruġ mill-Aġenzija Identity Malta biex imorru lejn il-Portugall għal kollox, u jfittxu impjieg f'dak il-pajjiż.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2023, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"This is an appeal lodged by appellant following the issuance of a return decision and a removal order issued by the Principal Immigration Officer on the 26th of August, 2022 on the basis that appellant is a prohibited immigrant in terms of Article 5 of Chapter 217. An entry ban valid for a period of 3 years was also issued to appellant.*
>
> *Throughout the proceedings, appellant requested bail, which bail was upheld after satisfying all the conditions set.*
>
> *Various board sittings were held, witnesses were summoned to testify and documented evidence was also produced. Submissions were made by both parties and the Immigration Appeals Board was directed to proceed to give judgment.*
>
> ***Return decision dated 26th of August, 2022 was issued on the following grounds:***
>
> - *You landed or are in Malta without leave from the Principal Immigration Officer;*
> - *You are unable to show that you have the means of supporting yourself and your dependants (if any) or you or your dependants is likely to become a charge on the public funds;*
> - *You contravened the provisions of the Immigration Act or any of the regulations made thereunder;*
> - *You did not comply or ceased to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which you were granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit;*
> - *The circumstances which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceased to exist;*
>
> ***<u>Facts of the case</u>***
>
> *Appellant arrived in Malta on the 28th of July, 2022 after being issued with a residence permit allowing him to work with WT Global Limited. Appellant's residence permit was valid from the 16th of August, 2022 until the 16th of August, 2023. On the 26th of August, 2022 appellant decided to travel to Porto on holiday, and had a return flight*

*ticket back to Malta on the 31st of August, 2022. Copy of flight itinerary was presented to this Board. Unfortunately document lacks proof of purchase date.*

*The Principal Immigration Officer as represented informed the Immigration Appeals Board that when appellant was stopped at the gate, his employer was contacted in order to verify whether his employer was aware of appellant's trip to Porto. The inspector in charge presented documented evidence which indicated that appellant's employer could not be reached but he spoke to a representative it resulted that the representative was not aware whether appellant took days off to travel.*

*At this stage appellant was issued with a removal order, return decision and entry ban.*

*Appellant lodged appeal.*

***Applicable law***

*Article 5(1) of Chapter 217 of the Laws of Malta states that, "*any person, other than one having the right of entry, or of entry and residence, or of movement or transit under the preceding Parts, may be refused entry, **and if he lands or is in Malta without leave from the Principal Immigration Officer, he shall be a prohibited immigrant."**

*Article 5(2)(a) then goes on to say "***if he is unable to show that he has the means of supporting himself and his dependants (if any) or if he and any of his dependants is likely to become a charge on the public funds"**;

*(b) if he is suffering from mental disorder or is a mental defective; or*

*(c) if, having landed in Malta pursuant to or under any regulation made under Article 44 and / or 50 of the provisons of the Prevention of Disease Ordinance, he is still in Malta after the lapse of the period of 15 days from the day on which the Superintendent of Public Health certifies in writing that the stay of such person in Malta is no longer required and for the purpose of such regulation; or*

*(d) if he is found guilty by a court of Criminal Jurisdiction in Malta of an offence against any of the provisions of the White Slave Traffic (Suppression) Ordinance or of the Dangerous Drugs Ordinance or of a crime, other than involuntary homicide or involuntary bodily harm, which, in the case of a first crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term of not less than one year, or in the case of a second or subsequent crime committed by such person, is punishable with imprisonment for a term not less than three months; or*

***(e) if he contravenes any of the provisions of this Act or of any regulations made thereunder; or***

***(f) if he does not comply or ceases to comply with any of the conditions, including an implied condition, under which he was granted leave to land or to land and remain in Malta or was granted a residence permit; or***

***(g) if any circumstance which determined the granting of leave to land or to land and remain in Malta or the extension of such leave or the granting of a residence permit ceases to exist;*** *or*

*(h) if such person is a prostitute; or*

*(i) If he is dependant on a person who is a prohibited immigrant under any of the provisions of this sub-article.*

***Considerations***

*From all the evidence produced, it resulted that the appellant's arrival in Malta was on the 28th of July, 2022, that is a few days prior to the trip to Porto. Appellant was already in possession of a valid single permit, valid between the 16th of August, 2022 to the 16th of August, 2023 and appellant's flight itinerary showing outbound flight to Porto on the 26th of August, 2022 and inbound flight to Malta on the 31st of August, 2022. Proof of when flights were purchased was not presented to the Immigration Appeals Board.*

***Decide***

*From evidence produced it resulted that appellant failed to produce evidence showing to the satisfaction of this Board that inbound flight Porto to Malta was purchased prior to the issuance of the return decision, removal order and entry ban, issued on the 26th August, 2022.*

*In view of the above, the Immigration Appeals Board rejects appellant's appeal and confirms return decision, removal order and entry ban issued to appellant on the 26th of August, 2022."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrent fit-12 ta' Mejju, 2023, huwa talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-aggravji mressqa minnu fir-rikors tal-appell

tiegħu, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tkeċċija u l-*entry ban* maħruġa mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni tas-26 t'Awwissu, 2022, kif ukoll li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-4 ta' Mejju, 2023 sabiex ir-rikorrent ikun jista' jitħalla jressaq applikazzjoni ġdida għal permess ta' residenza f'Malta.

6. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Bord għamel applikazzjoni żbaljata tal-liġi, u senjatament fejn l-appellat ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-artikolu 5(1), 5(2)(a), (b), (ċ), (d), (e) u (f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li kemm l-Uffiċjal, kif ukoll il-Bord fid-deċiżjonijiet tagħhom ma spjegawx liema provvediment fl-Att dwar l-Immigrazzjoni ġie miksur. Qal ukoll li l-ħames raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata d-deċiżjoni tal-appellat, huma kontradittorji, u l-appellat irid jiddeċiedi jekk huwa kellux permess jinżel Malta jew le. L-appellant kompla jgħid li m'hemm l-ebda provvediment fil-liġi li jgħid li min għandu permess ta' residenza validu, ma jistax jaqbad titjira biex imur vakanza mal-ħbieb jew ma' familjari tiegħu, u għalhekk huwa ma jistax jinstab ħati li kiser xi regolament tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Qal ukoll li kieku huwa ma kellux l-intenzjoni li jirritorna Malta, ma kienx jieħu l-inkarigu li jkompli bit-tieni parti tal-applikazzjoni tiegħu sabiex jinħariġlu permess ta' residenza validu f'Malta, anzi kien jaqbad il-vjaġġ lejn Porto mal-wasla tiegħu f'Malta. Qal li huwa kien qiegħed Malta wara li nħarġet l-*approval in principle letter,* kif ukoll *visa* li permezz tagħhom seta' jivvjaġġa lejn Malta u jkompli bil-proċess tal-applikazzjoni tiegħu bl-għan li jinħariġlu permess ta' residenza. Kompla jgħid illi li kieku huwa nstab Malta wara l-iskadenza tal-*visa* jew tal-permess ta' residenza tiegħu, jew li kieku huwa qatt ma pproċeda bl-applikazzjoni tiegħu, l-appellat kien ikollu raġun jikkonsidrah bħala *prohibited immigrant,* iżda kif jidher mill-

permess ta' residenza tiegħu, fil-mument meta l-appellat ħareġ bid-deċiżjoni ta' ritorn, l-ordni ta' tkeċċija u *entry ban,* il-pożizzjoni tiegħu kienet waħda totalment regolari.

7. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-provi, u senjatament dwar dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn il-Bord ikkunsidra li ma tressqet l-ebda prova li turi li l-appellant xtara l-biljett tat-titjira lura minn Porto lejn Malta qabel inħarġu d-deċiżjonijiet fil-konfront tiegħu mill-appellat. L-appellant qal li kien jinkombi fuq l-appellat li jipprova li l-appellat kiser il-kundizzjonijiet tal-artikoli 5(1) u 5(2) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' dubju dwar id-data meta nxtara l-biljett, dan id-dubju kellu jmur favur l-appellant. Kompla jgħid li fil-fatt il-biljett tal-ajru *inbound* minn Porto għal Malta inxtara qabel ma nħarġu d-deċiżjonijiet tal-Uffiċjal appellat, u għalhekk li kieku l-Bord staqsa għal xi tip ta' kjarifika qabel ta d-deċiżjoni tiegħu, l-appellant seta' faċilment jikkonferma d-data ta' meta nxtraw l-imsemmija biljetti. Qal li l-appellat naqas milli jressaq provi li l-appellant kien kiser xi waħda mill-kundizzjonijet tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u minflok ta d-deċiżjoni tiegħu abbażi ta' diversi suppożizzjonijiet. Qal li huwa prinċipju legali stabbilit li min jallega jrid jipprova, u l-Bord kellu jasal għad-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-provi li kellu quddiemu. L-appellant qal li l-appellat mhux biss naqas milli jġib prova tal-intenzjoni tiegħu li ma jirritornax lura lejn Malta wara l-vakanza tiegħu, talli ħareġ struzzjonijiet lill-Aġenzija Identity Malta sabiex l-*approval in principle letter* maħruġa lill-appellant tiġi kkanċellata sabiex żgur ikun impossibbli għall-appellant li jkompli bil-proċess tal-applikazzjoni tiegħu. L-appellant qal li l-appellat seta' jagħmel spezzjoni fir-residenza tiegħu, u kieku għamel dan kien isib li l-appellant ħalla ħwejjeġ u

affarijiet oħrajn id-dar tiegħu f’Malta, bħala prova li ma kellu l-ebda intenzjoni li jmur jgħix il-Portugall. Qal li din l-ispezzjoni ma saritx, u għalhekk il-prova ma setgħetx tinġieb quddiem il-Bord. Qal li quddiem il-Bord huwa ppreżenta wkoll kopja tal-biljett tal-ivvjaġġar li bih huwa kien ser jidħol lura fil-pajjiż, liema prova ma kellha tħalli l-ebda dubju dwar l-intenzjoni tal-appellant li jirritorna lura lejn Malta wara vjaġġ qasir f’Porto.

8. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant qal li qabel inħarġet l-ordni ta’ ritorn, l-ordni ta’ tneħħija u l-*entry ban,* huwa ma ngħatax smigħ, u għalhekk ġie miksur il-prinċipju ta’ ġustizzja naturali *audi alteram partem.* Qal li l-appellat naqas milli jivverifika s-suppożizzjonijiet tiegħu, meta huwa kien l-aktar parti vulnerabbli li kien ser jintlaqat ħażin bid-deċiżjonijiet tal-appellat, u huwa ġie mitfugħ f’kamra u lanqas biss ingħata ċans jitkellem jew jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu qabel inħarġu d-deċiżjonijiet li qegħdin jiġu appellati. Qal li huwa lanqas ingħata d-dritt li jkun assistit minn avukat, u kien biss wara li nżamm f’ċentru ta’ detenzjoni li ngħata dan id-dritt. Kompla jgħid li f’ċirkostanzi bħal dawn l-appellat kellu jagħmel minn kollox biex jisma’ l-verżjoni tiegħu qabel jiddeċiedi li joħroġ deċiżjoni ta’ ritorn, ordni ta’ tkeċċija u *entry ban* fil-konfront tiegħu, u b’dawn id-deċiżjonijiet hu ser jispiċċa f’sitwazzjoni ferm żvantaġġjata għaliex huwa ser ikollu jitlaq minn Malta, u ma jistax jirritorna qabel tliet snin oħra. Qal li l-Aġenzija Identity Malta ma kellhiex toqgħod fuq il-verżjoni tal-appellat meta kkanċellat l-*approval in principle letter,* liema ittra ma baqgħetx fis-seħħ wara li l-Aġenzija Identity Malta ngħatat struzzjonijiet sabiex din tiġi kkanċellata wara li ttieħdu l-imsemmija deċiżjonijiet mill-appellat.

9. Permezz tar-raba' aggravju tiegħu, l-appellant qal li l-appellat naqas milli jagħti interpretazzjoni korretta tal-prinċipji tar-raġonevolezza, tal-proporzjonalità u tal-element umanitarju. Spjega li qabel inħarġet l-*approval in principle letter,* huwa għadda minn skrutinju fejn l-applikazzjoni tiegħu intbagħtet lil bosta *stakeholders,* fosthom lill-awtoritajiet tal-Pulizija u lil Jobsplus li taw il-*go-ahead* tagħhom, u wara li ġie kkonfermat li l-applikant hu persuna ta' kondotta tajba u li x-xogħol tiegħu huwa verament meħtieġ f'Malta. Qal li kieku huwa ma kienx jissodisfa xi wieħed mill-kriterji stabbiliti sabiex jidħol Malta, ċertament li la l-*approval in principle letter* u lanqas il-*visa* ma kienu jinħarġu. Kompla jgħid li huwa qiegħed Malta abbażi ta' permess ta' residenza validu, u qatt ma kellu jiġi kkastigat bid-deċiżjonijiet tal-appellat, speċjalment meta flok btala qasira huwa spiċċa jqatta' għadd ta' jiem f'detenzjoni. Qal li huwa ġie Malta bit-tama ta' ħajja aħjar, fejn sab impjieg li jogħġbu, biex ikun jista' jgħajjex lill-familja tiegħu, iżda minflok għadda minn sitwazzjoni fejn spiċċa detenut meta huwa kellu permess ta' residenza validu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għamel il-Bord fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat. Imma qabel xejn l-Qorti trid tindirizza l-eċċezzjoni mressqa mill-appellat fit-trattazzjoni li saret quddiemha, fejn l-appellat qal li dan l-appell mhuwiex ammissibbli *ai termini* tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellat sostna li appell minn deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront ta' persuni

li ma jkunux ġew Malta b'mod legali, mhuwiex permissibbli. Il-Qorti tqis f'dan l-istadju preliminari, almenu sakemm ikun hemm eżitu finali għal dan l-appell, l-appellant għandu jitqies li qiegħed Malta u li wasal Malta b'mod legali. Fil-fatt id-deċiżjoni ta' ritorn u l-ordnijiet l-oħra li ngħataw fil-konfront tal-appellant, ma ngħatawx għaliex dan wasal Malta b'mod illeċitu, iżda minħabba ċirkostanzi li seħħew wara l-wasla tiegħu f'Malta. Mill-provi jirriżulta li l-appellant wasal Malta wara li nħarġu *approval in principle letter,* u abbażi tagħha inħarġet *visa* lill-appellant, u fil-fatt l-appellant għamel użu minn dawn il-permessi sabiex jivvjaġġa lejn Malta bil-ħsieb li jikseb permess ta' residenza. Għaldaqstant ma jistax jingħad li l-appellant ma daħalx Malta b'mod legali, u għalhekk il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant.

*<u>L-Ewwel Aggravju</u>*

11. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li l-Bord applika ħażin id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(1) u 5(2) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta għaċ-ċirkostanzi tal-każ, u qal li l-Bord imkien ma spjega għal liema raġuni l-appellant tqies li huwa immigrant ipprojbit f'Malta. Qal li r-raġunijiet mogħtija mill-appellat huma kontradittorji, u l-appellat irid jiddeċiedi jekk l-appellant kellux dritt jidħol f'Malta, jew jekk huwiex minnu li l-appellant ma kellu l-ebda dritt jew permess jasal Malta b'mod leċitu. L-appellant qal ukoll li m'hemm l-ebda provvediment tal-liġi li jgħid li min għandu permess ta' residenza validu, ma jistax imur għal btala barra minn Malta għal żmien qasir.

12. Il-Qorti tirrileva li fil-każ odjern ċertament li ma jistax jiġi allegat li l-appellant ma kellux id-dokumentazzjoni meħtieġa biex jiġi Malta, u fil-fatt mal-

wasla tiegħu f'Malta huwa fittex li jikseb permess ta' residenza li kien validu għall-perijodu bejn is-16 t'Awwissu, 2022 u s-16 t'Awwissu, 2023. Jirriżulta wkoll li ftit tal-jiem wara li l-appellant wasal Malta, dan qata' biljett sabiex jivvjaġġa lejn Porto, il-Portugall permezz ta' titjira tar-*Ryanair* li kellha titlaq minn Malta fis-26 t'Awwissu, 2022, u qata' wkoll biljett ta' ritorn għal Malta fil-31 t'Awwissu, 2022. L-appellant ġie interċettat ġewwa l-ajruport hekk kif kien fi triqtu lejn Porto, fejn qal li kien sejjer iżur ħabib tiegħu, għaliex kien għadu ma bediex jaħdem mal-kumpannija li kienet ser timpjegah f'Malta. L-appellat ma spjegax għal liema raġuni, fil-fehma tiegħu, l-appellant kien qiegħed jikser il-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom huwa kien qiegħed f'Malta jew kellu permess jiġi Malta, u l-fatt waħdu li l-appellant kien sejjer jivvjaġġa fuq btala ta' ftit jiem, m'għandux iqanqal is-suspett li huwa kien sejjer jivvjaġġa bl-iskop li jibqa' fil-pajjiż l-ieħor mingħajr ma jirritorna lura lejn Malta. Fil-fatt jirriżulta li l-appellant qata' biljett ta' ritorn lejn Malta fl-istess ġurnata meta qata' l-biljett lejn Porto, u l-Bord dan seta' jikkonfermah minn wieħed mid-dokumenti esebiti mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni stess, liema dokumenti però mhumiex enumerati, minn fejn jirriżulta li r-*reservation number* taż-żewġ titjiriet, il-PNR huwa l-istess għall-*outbound* u għall-*inbound flight,* 'R9EMRY'. L-istess dokument ġie ppreżentat flimkien mar-rikors tal-appell tal-appellant quddiem din il-Qorti, li huwa l-*email* sħiħa li permezz tagħha nxtraw dawn il-biljetti tal-ajru fl-24 t'Awwissu, 2022.

13. Il-Qorti tqis li l-allegazzjoni li saret mill-appellat jew mill-avukat difensur tiegħu, li lejn nofs is-sena 2022 kienu diversi l-persuni ta' oriġini Asjatika li vvjaġġaw lejn il-Portugall u li ma rritornawx lura lejn Malta, tibqa' biss allegazzjoni li ma ġietx sostanzjata, u l-appellant wera b'mod konkret li huwa

kien xtara l-biljett tar-ritorn għal Malta. Il-Qorti qieset ukoll l-allegazzjoni tal-appellat li l-appellant kien qiegħed jivvjaġġa b'diversi dokumenti fuqu, fosthom l-*employment record* tiegħu, eżamijiet mediċi u dokumenti simili. L-appellat qal ukoll li l-appellant kien qiegħed jivvjaġġa bl-effetti personali kollha tiegħu. Imma mill-elenku tal-oġġetti kkonfiskati mill-Pulizija qabel ma r-rikorrent iddaħħal fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni dakinhar stess li ġie interċettat fl-ajruport, ma jirriżultax li l-appellant kien qiegħed iġorr miegħu dokumenti jew xi ammont ta' ħwejjeġ jew oġġetti oħra li jindikaw li huwa kien ser jitlaq minn Malta għal kollox. L-oġġetti misjuba fuq l-appellant kienu telefon ċellulari miksur, karta tal-identità, passaport, portafoll bil-*cards* u €120, biljett, *backpack* u basket tal-plastik. Il-Qorti tqis li mill-oġġetti li l-appellant kellu fil-pussess tiegħu meta ġie interċettat fl-ajruport, ma kien hemm xejn li jista' jqanqal suspett li l-appellant kien ser isiefer bil-ħsieb li ma jirritornax lura Malta. L-appellat jikkontendi li l-appellant għandu jitqies bħala immigrant ipprojbit *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(1) u 5(2) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt ġie allegat li l-appellant m'għandux mezzi suffiċjenti biex jgħajjex lilu nnifsu, u li hu kiser id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 217 jew xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu in konnessjoni mal-permess ta' residenza li ngħatalu. Il-Qorti tqis però li ma kien hemm l-ebda kundizzjoni li timponi fuq l-appellant l-obbligu li jibqa' Malta għat-tul ta' żmien kollu tal-validità tal-permess ta' residenza, mingħajr il-possibilità li jmur btala ta' ftit jiem f'pajjiż ieħor. Mill-atti ma jirriżultax lanqas liema waħda mill-kundizzjonijiet tal-permess ta' residenza ġiet miksura mill-appellant, u lanqas waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti ma ġie spjegat dan. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-ebda wieħed mis-sub-inċiżi tal-artikolu 5(1) u 5(2) ma japplikaw għaċ-ċirkostanzi odjerni, u għalhekk ma taqbilx li l-appellant

għandu jitqies bħala immigrant ipprojbit. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tilqa’ l-ewwel aggravju tal-appellant.

*It-Tieni Aggravju*

14. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-provi, fejn dan qal li ma nġabet l-ebda prova li turi li l-biljett tat-titjira lura lejn Malta kien inxtara qabel ma ngħataw id-deċiżjonijiet tal-appellat li qegħdin jiġu kkontestati permezz tal-appell odjern.

15. Il-Qorti tagħraf il-limitazzjonijiet għall-kompetenza tagħha, partikolarment dawk imposti fuqha bl-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jgħid li appelli quddiem din il-Qorti jistgħu jsiru biss fuq punti ta’ dritt u mhux fuq punti ta’ fatt li joħorġu mid-deċiżjoni tal-Bord. Il-Qorti diġà għamlet l-osservazzjonijiet tagħha dwar ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħha l-appellat, u sa ċertu punt anki l-Bord, kienu żbaljati meta qiesu li l-appellant huwa immigrant ipprojbit. Imma l-kompetenza ta’ din il-Qorti hija limitata għal punti ta’ dritt deċiżi fid-deċiżjoni appellata, u ma testendix għall-apprezzament tal-provi li għamel il-Bord, u għalhekk mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ta’ dan l-aggravju.

*It-Tielet Aggravju*

16. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant isostni li nkiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem,* għaliex hu ma ngħatax smigħ mill-appellat minkejja li huwa kien il-parti vulnerabbli f’dawn il-proċeduri. Qal li l-ordnijiet fil-konfront

tiegħu ngħataw mingħajr ma huwa ngħata smigħ, u b'konsegwenza ta' dan huwa qiegħed jiffaċċja l-possibilità li jkun kostrett iħalli Malta u jiġi mpost fuqu *entry ban* ta' tliet snin, li matulhom ma jkunx jista' jirritorna.

17. Il-Qorti tirrileva illi d-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-konfront tal-appellant huma deċiżjonijiet ta' natura amministrattiva, li minnhom l-appellant kellu dritt jappella quddiem il-Bord, u anki quddiem din il-Qorti. Kien quddiem il-Bord li l-appellant kellu l-fakultà li jipprova l-każ tiegħu u jispjega għal liema raġuni huwa m'għandux jitqies li huwa immigrant ipprojbit. Jirriżulta mill-inkartament esebit, li l-appellant ingħata smigħ mill-Bord li finalment ried jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni li ħa l-appellat kienitx skont il-liġi u kienitx waħda raġonevoli fiċ-ċirkostanzi. Il-Bord kellu quddiemu l-provi kollha, u ddeċieda li l-appellant ma kellux jingħata raġun fis-sottomissjonijiet li huwa ressaq. L-appellant kellu dritt jappella minn dik id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell quddiem din il-Qorti, fejn il-Qorti semgħet lill-avukat difensur tal-appellant, u għal darba oħra saret evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ, u din il-Qorti qiegħda tiddipartixxi mill-pożizzjoni li ħa l-Bord, anki għaliex din il-Qorti mhijiex konvinta li ċ-ċirkostanzi tal-każ għandhom iwasslu għal deċiżjoni li l-appellant għandu jitqies li kiser xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu meta ngħata l-permess ta' residenza. L-artikolu 14 tal-Kap. 217 jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ li tinħareġ ordni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija fil-konfront ta' persuna, u fil-każ odjern jirriżulta li dik il-proċedura ġiet segwita. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

*Ir-Raba' Aggravju*

18. L-appellant isostni li fil-każ in eżami, il-Bord kellu jikkunsidra l-element umanitarju, u kellu jagħti deċiżjoni li tkun raġonevoli u proporzjonata. Qal li qabel ma inħarġet l-*approval in principle letter,* sar skrutinju tiegħu u tal-impjieg prospettiv tiegħu ġewwa Malta, u għalhekk għandu jirriżulta li huwa kien jissodisfa r-rekwiżiti kollha sabiex seta' jidħol f'Malta. Qal ukoll li huwa ġie Malta bit-tama ta' ħajja aħjar, u din id-deċiżjoni ta' ritorn ser taffettwah ħafna ħażin, partikolarment għaliex huwa mhux ser ikun jista' jidħol lura Malta għal perijodu ta' tliet snin jekk l-*entry ban* jibqa' fis-seħħ. Meta tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li wasslu għall-ħruġ tal-ordnijiet tal-appellat li qegħdin jiġu kkontestati permezz ta' dan l-appell, il-Qorti tikkonkludi li ma kien hemm xejn għajr suspett ibbażat fuq il-fatt li għadd ta' persuni Asjatiċi oħra għamlu l-istess ħaġa bħall-appellant, però dan ma kienx neċessarjament ifisser li l-appellant kien ser iħalli Malta bil-ħsieb li ma jirritornax lura hawnhekk. Dan meta l-appellant kien xtara wkoll biljett ta' ritorn għal Malta, u meta l-ammont ta' oġġetti li nstabu fil-pussess tal-appellant, ma kellhomx iqajmu s-suspett jew iwasslu lill-appellat għall-konklużjoni li l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni li jirritorna lura Malta. Il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fejn l-appellant kiseb il-permessi kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jaħdem f'Malta, il-fatt li meta sar jaf li kien għad fadal xi ftit tal-jiem sabiex ikun jista' jibda l-impjieg tiegħu f'Malta, iddeċieda li jmur fuq btala ta' ftit jiem ġewwa Porto, il-Portugall, u qata' biljett tat-tluq u biljett tar-ritorn għal Malta, l-interċettazzjoni tiegħu fl-ajruport, id-detenzjoni tiegħu ġewwa ċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi, u l-ħruġ tal-ordnijiet mill-appellat abbażi ta' suspett li huwa ser jagħmel kif allegatament għamlu għadd ta' persuni Ażjatiċi oħra li marru l-Portugall, u li ma rritornawx

Iura Malta, ċertament li la kien proporzjonat u lanqas ma kien raġonevoli. Hawnhekk għandu raġun l-appellant jgħid li l-appellat kellu jagħmel investigazzjoni aktar profonda, inkluż billi jagħmel spezzjoni fil-fond fejn kien qiegħed jgħix l-appellant, sabiex jara jekk hux minnu li dan kien ħalla l-effetti personali tiegħu hawn Malta, meta ttenta jivvjaġġa lejn il-Portugall. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat, u sejra tilqgħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi tilqa' l-ewwel u r-raba' aggravju tal-appellant, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju mressaq minnu, u tiċħad it-tielet aggravju, b'dan illi d-deċiżjoni appellata qiegħda tiġi mħassra u rrevokata.**

**In vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**